**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2015**

**Rikors Nru: 1562/2015 AF**

**Joyce Soler**

**vs**

**Jagem Limited (C4590)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joyce Soler li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti zzomm lil Jagem Limited milli tinvesti, tivversa fondi jew bi kwalunkwe mod tippartecipa fil-kumpannija J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited (C1677).

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-socjetà Jagem Limited li, permezz taghha ghar-ragunijiet moghtija, sostniet li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-digriet precedenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Minn dan johrog li sabiex jirnexxi fit-talba tieghu, rikorrent jehtieglu jipprova zewg affarijiet: l-ewwel li ghandu mad-daqqa t'ghajn il-jedd li jsostni li ghandu u, inoltre li r-rikorrent igarrab hsara jekk it-talba tigi michuda.

Il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest, liema insenjament jinsab ampjament kristalizzat fid-digriet ricenti ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-mandat fl-ismijiet Ellul Sullivan vs Marton Limited (27 ta' Lulju 2015).

Fil-proceduri odjerni, r-rikorrenti qed titlob lill-Qorti zzomm lis-socjetà li fiha hija azzjonista milli tinvesti flus f'socjetà ohra proprjetà ta' familjari taghha u li taghha kienet azzjonista hija wkoll.

Klawsola 4(d) tal-Memorandum and Articles ta' Jagem Limited tipprovdi illi hija ghandha dritt "*to invest the money of the company in any manner that the company may deem and in particular to acquire any interest in any other company*."

Dak li effettivament qed titlob ir-rikorrenti huwa t-twarrib effettiv tal-principju tat-tregija tas-socjetajiet permezz tar-rieda tal-maggoranza, principju essenzjali rikonoxxut sa mill-bidu tal-ezistenza tad-dritt tas-socjetajiet. ((ara ukoll f'dan is-sens Falla vs Sorotos (Appell 12.3.1976). Ma jirrizultax f'dan l-istadju li c-cirkostanzi jaghtu lir-rikorrenti dan il-jedd.

Lanqas ma jirrizulta lil Qorti l-pregudizzju rrimedjabbli li tilmenta minnu r-rikorrenti. Dak li huwa mahsub li jsir huwa garantit self b'imghax ta' 3.5% li jkun jista jintalab lura bi preavviz ta' tlett xhur. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tqis li r-rikorrenti hija gustifikata li zzomm is-self milli jsir, partikolarment meta hija stess tirrikonoxxi l-ghaqal li biha titmexxa l-kumpanija li lilha ser isir is-self.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2015 u tichad it-talba ta' Joyce Soler.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF